**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**
**ONOR. IMĦALLEF NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D**

**Appell Numru: 436/2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Omar Zammit)**

**vs**

**Kurt MUSCAT**

**Illum, 29 ta' Jannar 2025**

Il-Qorti,

Rat is-segwenti:

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Krimijali mogħtija nhar it-28 ta' Novembru 2023 fil-konfront ta' **Kurt MUSCAT** ta' 23 sena, iben Alfred u Marisa xebba Agius, imwieled il-Pieta` nhar it-22 ta' Jannar 2000, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 36000(L), u residenti Blk G, Fl 14, Triq Jean Houel, San Ġiljan, li ġie mixli talli:

   Nhar is-6 ta' Novembru 2023 u fil-ġimgħat u x-xhur ta' qabel, f'diversi ħinijiet differenti f'dawn il-Gżejjer Maltin:

   1. Naqas milli jħares kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti Kriminali b'digriet maħruġ nhar it-23 ta' Frar 2023, preseduta mill-Imħallef Dr.

Aaron Bugeja LL.D., li bihom kien ingħata l-ħelsien mill-arrest ċioe` illi jirraporta fl-Għassa tal-Pulizija ta' San Ġiljan bejn it-08:00 u t-20:00.

Il-Qorti ġiet mitluba li tirrevoka l-ħelsien mill-arrest tal-imsemmi Kurt Muscat u tordna l-arrest mill-ġdid tiegħu u/jew tordna li s-somma marbuta jew parti minnha tgħaddi favur il-Gvern ta' Malta.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat u kkunsidrat l-Artikolu 11(1) u l-Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt li sabet lill-imputat (illum l-appellant) **Kurt MUSCAT** ħati tal-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu, fuq ammissjoni tiegħu stess, għar-raġunijiet kif imfissra fis-sentenza, ikkundannatu multa ta' ħames mitt Ewro (€500) u ordnat il-konfiska ta' għaxart elef ewro (€10,000) favur il-Gvern ta' Malta, liema ammont jirrappreżenta biss parti mill-ammont ta' garanzija personali hekk kif stabbilit fid-digriet tat-23 ta' Frar 2023, li bih ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija personali.

In oltre, il-Qorti ordnat il-ħruġ ta' Ordni ta' Trattament ai termini tal-Artikolu 412D(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront tal-imputat **Kurt MUSCAT** għal tul ta' tlett (3) snin biex jiġi ndirizzat l-vizzju tiegħu tad-droga u taħt il-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet ta' Ordni ta' Trattament mogħti fl-istess jum, liema digriet jifforma parti integrali mis-sentenza. A tenur tal-Artikolu 412D(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat b'mod ċar il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat u l-kundizzjonijiet imposti fuqu bl-Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tiegħu, kif ukoll ir-responsabilita` tiegħu f'każ li ma joqgħodx ma' xi rekwiżit jew xi kundizzjoni ta' tali Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tiegħu.

Il-Qorti ordnat illi kopja ta' din is-sentenza flimkien mal-Ordni ta' Trattament, tiġi notifikata lid-Direttur tal-Probation u Parole.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi **Kurt MUSCAT** appella minn din is-sentenza u talab lil din il-Qorti sabiex "*tirriforma s-sentenza appellata u tvarja l-piena imposta ghal piena aktar ekwa u gusta*".

## D. IR-RISPOSTA TAL-AVUKAT ĠENERALI

4. Illi permezz tar-risposta ntavolata minnha nhar id-29 ta' Mejju 2024, l-Avukat Ġenerali wieġbet illi għar-raġunijiet hemmhekk indikati, din il-Qorti għandha tiċħad it-talba tal-appell hekk intavolata mill-appellant **Kurt MUSCAT** fl-intier tagħha, u tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-28 ta' Novembru 2023.

## E. TRATTAZZJONI TAL-PARTIJIET

5. Illi l-partijiet trattaw il-mertu tal-appell quddiem din il-Qorti fl-udjenza miżmuma nhar it-3 ta' Ġunju 2024.

## F. KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

6. Illi mill-atti proċesswali jirriżulta illi nhar is-7 ta' Novembru 2023, l-Uffiċjal Prosekutur, l-Ispettur Omar Zammit ġie nfurmat mill-Għassa ta' San Ġiljan illi l-appellant **Kurt MUSCAT** kien reġa' naqas milli jiffirma ġewwa l-istess għassa u dan bi ksur tal-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest li kienu ngħataw lilu fi proċeduri separati, liema kundizzjonijiet kienu ġew imposti fuqu minn din il-Qorti, kif diversament preseduta mill-Onor. Imħallef Aaron Bugeja, b'digriet datat 23 ta' Frar 2023, u li permezz tiegħu huwa ġie obbligat *inter alia* illi jiffirma kuljum ġewwa l-Għassa ta' San Ġiljan. L-istess Uffiċjal Prosekutur jixhed illi wara li ġie infurmat illi kien hemm jiem illi fihom l-istess Muscat ma kienx iffirma, huwa għamel kuntatt mal-istess Muscat u wissieh dwar dan, b'Muscat iwieġbu illi ma kienx qed jiffirma stante illi kien ma jiflaħx. Madankollu, l-istess Spettur

xehed ukoll illi l-appellant kien naqas milli jiffirma wkoll f'diversi ġranet oħra, fosthom fil-15 ta' Ottubru 2023, fis-17 ta' Ottubru 2023, fit-18 ta' Ottubru 2023, fis-26 ta' Ottubru 2023, fit-2 ta' Novembru 2023 u fis-6 ta' Novembru 2023, oltre illi kien hemm ukoll diversi jiem li fihom ma ffirmax f'Awwissu 2023 u anke f'Settembru 2023.[1] Fil-fatt jirriżulta mill-*bail book* tal-appellant esebit fl-atti, illi l-istess appellant naqas milli jiffirma *inter alia* fit-2 u fit-3 ta' Awwissu 2023, fis-7 u t-8 ta' Awwissu 2023, fl-10 u fil-11 ta' Awwissu 2023, fit-13 ta' Awwissu 2023, fis-17 ta' Awwissu 2023, fid-19 ta' Awwissu 2023, fil-21 u fit-22 ta' Awwissu 2023, fl-24 ta' Awwissu 2023, fis-27 ta' Awwissu 2023, fit-28 ta' Awwissu u fid-29 ta' Awwissu 2023, fit-2 ta' Settembru 2023 u fit-3 ta' Settembru 2023, fit-8 ta' Settembru 2023, fl-14 ta' Settembru 2023, fis-16 ta' Settembru 2023, fil-15 ta' Ottubru 2023, fis-17 ta' Ottubru u fit-18 ta' Ottubru 2023, fit-23 ta' Ottubru 2023, fis-26 ta' Ottubru 2023, fid-29 ta' Ottubru 2023, fit-30 ta' Ottubru 2023, fit-2 ta' Novembru u fit-3 ta' Novembru 2023, fl-4 ta' Novembru 2023, u fis-6 ta' Novembru 2023.[2] Għalhekk nhar is-7 ta' Novembru 2024, l-appellant ġie arrestat u tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mixli bl-imputazzjoni odjerna.

7. Illi sussegwentement, fis-seduta tal-15 ta' Novembru 2023, miżmuma quddiem dik il-Qorti, l-appellant irreġistra ammissjoni għall-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu, u l-ewwel Qorti għaddiet għas-sentenza fil-konfront tiegħu nhar it-28 ta' Novembru 2023, kif ingħad, billi sabet ħtija fl-istess appellant, u erogat piena ta' multa ta' ħames mitt ewro (€500), u ordnat il-konfiska, favur il-Gvern ta' Malta, ta' parti mill-garanzija personali fis-somma ta' għaxart elef ewro (€10,000), b'dan illi ddikjarat illi ma kinitx qegħda tilqa' t-talba tal-Prosekuzzjoni għar-revoka tal-ħelsien mill-arrest u l-arrest mill-ġdid tal-istess appellant. L-ewwel Qorti ordnat ukoll il-ħruġ ta' Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-appellant għall-perjodu ta' tliet snin.

---

[1] Ara x-xhieda tal-Ispettur Omar Zammit, a fol. 13A *et seq* tal-proċess.

[2] Ara l-*bail book* esebit a fol. 54 tal-proċess. Jirriżulta wkoll illi huwa ma ffirmax darba f'Marzu 2023, darbtejn f'April 2023, ħames darbiet f'Mejju 2023, għaxar darbiet f'Ġunju 2023, u tmintax-il darba f'Lulju 2023. Jirriżulta in oltre mix-xhieda ta' Oswald Balzan, in rappreżentanza tal-isptar Monte Karmeli, illi l-appellant ġie rikoverat fl-istess sptar fit-12 ta' Mejju 2023 u ħareġ fit-13 ta' Mejju 2023 kontra l-pariri mediċi, u illi reġa' ġie rikoverat fl-istess sptar nhar il-11 ta' Ġunju 2023, u telaq fl-istess jum, għal darb'oħra kontra l-pariri mediċi (ara a fol. 72A *et seq* tal-proċess).

8. Illi l-appellant ressaq aggravju wieħed konċernanti l-piena erogata mill-ewwel Qorti u dan in kwantu għal dik il-parti tas-sentenza li permezz tagħha ġiet ordnata l-konfiska, favur il-Gvern ta' Malta, tal-garanzija personali fis-somma ta' għaxart elef ewro (€10,000), bħala konsegwenza tas-sejbien ta' ħtija, fit-termini tal-Artikolu 579(2) tal-Kodiċi Kriminali. L-appellant isostni illi mhux kull ksur tal-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest għandu jitqiegħed f'keffa waħda u jitqies fl-istess livell ta' gravita`, tant illi l-ewwel Qorti rrikonoxxiet fis-sentenza tagħha illi minkejja li n-nuqqas tiegħu illi jiffirma ġewwa l-Għassa tal-Pulizija kien wieħed ripetut, dan ma kienx nuqqas ta' gravita` assoluta, b'dan għalhekk illi skont l-istess appellant, il-piena nflitta għandha tirrifletti l-livell ta' gravita` tal-ksur u tkun waħda proporzjonata għall-istess. Fir-rigward, l-appellant isostni wkoll illi minkejja illi l-piena nflitta mill-ewwel Qorti hija fil-parametri tal-liġi, u minkejja illi ma ġietx erogata piena ta' priġunerija effettiva, huwa żgħażugħ ta' tlieta u għoxrin sena, dipendenti finanzjarjament fuq ommu, b'dan għalhekk illi l-konfiska ta' parti mill-garanzija personali fl-ammont ta' għaxart elef ewro (€10,000) sejra mingħajr dubju, tfisser inkarċerazzjoni effettiva.

9. Illi jingħad li huwa prinċipju ormai stabbilt li f'materja ta' appell minn piena, sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, dan tagħmlu biss fl-eventwalita` illi jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva.

10. Dwar dan, fis-sentenza tagħha tal-25 ta' Awwissu 2005, fil-kawża fl-ismijiet **<u>The Republic of Malta vs Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek</u>**, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) irreferiet għal *Blackstone's Criminal Practice 2004,* filwaqt illi kompliet tgħid illi din hija l-posizzjoni adottata konsistentement mill-Qorti tal-Appell Kriminali, kemm fis-sede Superjuri, kif ukoll f'dik Inferjuri:

> **"The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of**

**penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in *Nuttall* (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, *though they may appear heavy to individual judges*' (emphasis added). Similarly, in *Gumbs* (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...*that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle*." Both Channell J in *Nuttall* and Lord Hewart CJ in *Gumbs* use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."**[3]

11. Illi għalhekk din il-Qorti ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti sempliċiment għaliex din tippreskrivi piena ogħla minn dik li din il-Qorti kienet tagħti li kieku kienet hi li erogat il-piena. Sabiex l-appell jirnexxi, jeħtieġ illi l-appellant juri illi l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Jeħtieġ għalhekk illi din il-Qorti tagħmel l-analiżi tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva, meta wieħed iqis ukoll l-aspetti retributtivi u preventivi tal-piena.[4]

12. Hawnhekk issir referenza wkoll għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) fil-każ fl-ismijiet **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler</u>** tas-26 ta' Frar 2009, fejn il-Qorti qieset hekk:

---

[3] Hawnhekk dik il-Qorti rreferiet għall-paġna 165, para. D23.45

[4] Ara f'dan is-sens is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-22 ta' Ottubru 2019, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Mohamed Berkouk, Mallem Abderrahmane, Lazhari Zamouche</u>**.

> … meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il-piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal-fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor.

13. Illi in oltre huwa prinċipju rassodat fil-ġurisprudenza tal-Qrati Maltin, kif meta l-appellant jirreġistra ammissjoni inkondizzjonata skont il-liġi, dan ifisser illi huwa jkun qiegħed jaċċetta l-ħtija tiegħu għar-reati kif dedotti kontrih u jissottometti ruħu għall-ġudizzju tal-Qorti dwar il-piena li tingħata bħala konsegwenza tal-ammissjoni tiegħu. Ikun għalhekk odjuż illi sussegwentement jinterponi appell mid-deċiżjoni tal-Qorti għaliex ma jaċċettax il-piena kif imposta minnha. Ċertament dan ma jfissirx illi din il-Qorti bħala Qorti ta' reviżjoni m'għandhiex l-obbligu li tirrevedi jekk il-piena imposta mill-ewwel Qorti kinitx waħda li tirrientra fil-parametri li tipprefiġġi l-liġi jew jekk kinetx waħda irraġjonevoli jew manifestament eċċessiva fiċ-ċirkostanzi tal-każ.

14. Jingħad illi l-prinċipju tal-gradwatorja fis-serjeta` tad-diversi kundizzjonijiet imposti fl-ordni li permezz tiegħu l-akkużat jingħata l-ħelsien mill-arrest, huwa wieħed abbraċċjat b'mod konsistenti fil-ġurisprudenza tagħna. Għalkemm l-Artikolu 579(2) tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara illi f'każ ta' ksur tal-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest, il-Qorti għandha b'mod tassattiv tordna l-konfiska tal-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija, huwa diskrezzjonali għall-Qorti jekk tordnax illi dan l-ammont jiġi konfiskat fl-intier tiegħu jew f'parti minnu favur il-Gvern ta' Malta u dan "*skont kif il-Qorti tqis il-gravita` tar-reat*". Għalhekk id-diskrezzjoni li tgawdi l-Qorti tikkonsisti proprju fid-deċiżjoni tagħha li tqis kemm minn dak l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija, ikun xieraq illi fiċ-ċirkostanzi jiġi kkonfiskat favur il-Gvern ta' Malta. Il-ħtieġa illi l-Qorti tiggradwa l-gravita` tal-ksur tal-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest huwa eżerċizzju meħtieġ b'rabta

mal-osservanza tal-prinċipju tal-proporzjonalita` fil-piena erogata u dan hekk kif għandu jkun hemm bilanċ bejn id-dritt tal-individwu li jgawdi l-liberta` personali tiegħu, u dak tal-leġislatur li jassigura mekkaniżmu effettiv sabiex jiġu mħarsa ordnijiet ġudizzjarji. Fir-rigward, din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża fl-ismijiet **Matthew Bajada vs Avukat Ġenerali et** tas-27 ta' Ottubru 2017, mogħtija qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att XXIX tas-sena 2021, li permezz tiegħu ġew emendati l-proviso tal-Artikolu 579(1) u l-Artikolu 579(2) tal-Kodiċi Kriminali, fejn ingħad is-segwenti:

> 22. Skont l-intimati, ma hemmx ksur tal-Artikolu 5 ghaliex ma tirrizulta ebda prova konkreta li f'dan il-kaz id-detenzjoni tar-rikorrent kienet kontra l-ligi, anzi jsostnu li c-cirkostanzi tal-kaz odjern jinkwadraw tajjeb fl-ambitu tar-restrizzjonijiet ghad-dritt tal-liberta` u ghar-regola generali ghall-harsien mill-arrest u detenzjoni arbitrarja tal-liberta` tal-individwu. L-intimati jissottomettu li ma hemm xejn vjolattiv tad-dritt fondamentali sancit taht l-Artikolu 5 fid-digriet tal-Qorti Kriminali li ordna r-riarrest tar-rikorrent, il-konfiska tad-depozitu kif ukoll il-hlas tal-garanzija personali ai termini tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 579(1), ghaliex kien ir-rikorrent innifsu li ghazel li jikser wahda mill-kundizzjonijiet tal-helsien tieghu mill-arrest u din kienet il-konsegwenza legali prevista mill-imsemmija disposizzjoni legali.
>
> 23. L-intimati jghidu wkoll li, galadarba l-qorti kompetenti dehrilha, wara li qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz tar-rikorrent inkluz il-gravita` tar-reat li gie mixli bih, li kellha tiffissa d-depozitu u l-garanzija personali fis-somma komplessiva ta' €35,000 biex tassigura t-twettiq tal-obbligu tar-rikorrent li jidher ghall-process, l-ordni ghall-hlas tal-ammont kollu li r-rikorrent ntrabat ghalih f'kaz ta' ksur ta' xi wahda mill-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest, ma tistax titqies li hija kontra l-ligi ghaliex hija konformi mad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 579(1) tal-Kodici kriminali, liema artikolu jipprovdi hekk:
>
>> "Jekk l-imputat jonqos li jidher ghall-ordni ta' l-awtorita` msemmija fl-obbligazzjoni tal-garanzija, jew jonqos milli josserva xi kundizzjoni imposta mill-qorti fid-digriet taghha li bih taghti l-helsien mill-arrest, jew jinheba jew jitlaq minn Malta …. is-somma msemmija fl-obbligazzjoni tghaddi favur

il-Gvern ta' Malta u barra minn dan jigi mahrug mandat ta' arrest kontra tieghu;

"Izda din id-dispozizzjoni ma ghandhiex tapplika meta l-qorti tkun tal-fehma li l-ksur tal-kundizzjoni imposta fid-digriet li bih jinghata l-helsien mill-arrest ma hiex ta' konsegwenza serja."

24. Din il-Qorti ma tistax taccetta dan ir-ragunament tal-intimati, u lanqas din l-interpretazzjoni mill-iktar maghluqa tad-dispozizzjoni fuq citata li giet imwarrba konsistentement fil-gurisprudenza iktar recenti tal-qrati ta' kompetenza kriminali.

25. Kif inhu risaput, din l-interpretazzjoni ristrettiva tal-Artikolu 579(1) fuq citat ma sabitx sostenn mill-Qorti Ewropea fil-konsiderazzjonijiet u d-decizjoni taghha dwar l-istess kaz[5]. L-osservazzjonijiet tal-Qorti Ewropea fis-sentenza **Lawrence Gatt v. Malta**, li gew citati estensivament mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, gew sussegwentement imhaddna minn din il-Qorti fil-kaz ta' **John Grima v. L-Avukat Generali et**[6] fejn gie rikonoxxut illi l-applikazzjoni rigida tal-Artikolu 579(1) tista' twassal ghal nuqqas ta' osservanza tal-principju ta' proporzjonalita` minhabba illi l-istess dispozizzjoni:

"… ma tipprovdix lill-Qorti b'diskrezzjoni li timmitiga l-ammont ta' telf skond ic-cirkostanzi tal-kaz. Diment li l-kaz jista' jkollu 'konsegwenza serja' il-Qorti ma ghandhiex id-diskrezzjoni 'to fit the punishment to the offence', izda trid tordna l-konfiska tal-garanzija kollha, anke jekk dan iwassal ghal rizultat sproporzjonat."

---

[5] Hawnhekk il-Qorti rreferiet għall-każ **Lawrence Gatt v. Malta**, deċiż mill-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem nhar is-27 ta' Ottubru 2010.

[6] Deċiż fis-16 ta' Marzu 2011. F'dan il-każ ingħad hekk:

.. meta jigi ppruvat li l-imputat jew l-akkuzat kiser xi wahda jew aktar mill-obbligazzjonijiet imposti fuqu, ghandu jkun ghall-Qorti tiddeciedi, skont il-gravita` tal-kaz, ghandhiex tordna li s-somma kollha jew parti (kif hi tistabilixxi) tghaddi favur il-Gvern ta' Malta. B'dan il-mod, il-Qorti tkun tista' tevita li jirrizultaw "*elements of shocking disproportionality*" li kien il-hsieb wara d-decizjoni tal-Qorti Ewropeja fil-kaz ta' Lawrence Gatt imsemmi, u dan konformament ma' dak li jrid l-Artikolu 5(1)(b) tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja li trid li ghandu jkun hemm element ta' proporzjonalita` bejn il-privazzjoni tal-liberta` u t-twettiq tal-obbligu preskritt mil-ligi. Kif inhi l-ligi taghna llum la hemm '*ceiling*' ta' kemm wiehed jista' jehel prigunerija, u lanqas hemm mod kif tigi assessjata l-proporzjonalita`.

26. Il-kejl ta' proporzjonalita` kien appuntu dak li nstab li kien nieqes fl-applikazzjoni tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 579(1) ghall-fattispecje tal-kaz ta' Lawrence Gatt, ta' John Grima kif ukoll tar-rikorrent f'dan il kaz kif konstatat l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata.

27. Rigward l-ewwel parti tal-Artikolu 5(1)(b), cioe` r-rekwizit li l-arrest jew id-detenzjoni jkun mehtieg ghat-tharis ta' ordni gudizzjara, jinghad hekk:-

> *"The domestic authorities must strike a fair balance between the importance in a democratic society of securing compliance with a lawful order of a court, and the importance of the right to liberty. Factors to be taken into consideration include the purpose of the order, the feasibility of compliance with the order, and the duration of the detention. The issue of proportionality assumes particular significance in the overall scheme of things (**Gatt v. Malta**, § 40)."* [sottolinear ta' dik il-Qorti]

28. L-awtrici Karen Reid, fil-ktieb ***A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights***[7] tikkummenta hekk dwar l-importanza li jintlahaq ir-rekwizit fondamentali tal-proporzjonalita` f'kazijiet li jinkwadraw fit-tieni binarju tal-Artikolu 5(1)(b):

> *"This head of detention requires that a measure is taken to secure the execution of specific and concrete obligations. The obligation does not have to arise from a court order, but may also derive from the law per se, although it must be sufficiently specific and concrete ... The aim of the detention must be to secure the fulfilment of the obligation, not to punish ... Relying on McVeigh, the court has stated that a balance must be drawn between the importance in a democratic society of securing the immediate fulfilment of the obligation and the importance of the right to liberty, in which balance duration is a significant factor."*

[7] 2nd ed. Sweet and Maxwell (London) 2004.

29. Din il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni tal-ewwel Qorti li l-applikazzjoni stretta tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 579(1) u tal-proviso tieghu, fil-kaz tar-rikorrent, ma jwassalx ghal dik il-proporzjonalita` mehtiega biex mizura li tippriva l-liberta` tal-individwu tkun wahda legittima ai termini tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni. Kif tajjeb irravvizat l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, wara li kkunsidrat l-insenjament tas-sentenzi fuq citati, ghandu jkun hemm gradwatorjeta` fis-serjeta` ossia gravita` tad-diversi kundizzjonijiet li jkunu imposti fl-ordni fejn jinghata l-helsien mill-arrest, stante illi mhux kull kundizzjoni timmerita l-konsegwenza estrema prevista mill-Artikolu 579(1). Din il-Qorti zzid illi l-htiega li l-gudikant, fil kaz ta' ksur ta' kundizzjoni ta' bail, ikollu diskrezzjoni li jiggradwa l-gravita` tal-ksur tal-kundizzjoni fil-mizura konsegwenzjali li ghandha tigi imposta minghajr ma jkun marbut necessarjament li japplika l-konsegwenza kontemplata fil-proviso tal-istess Artikolu, hija essenzjali sabiex jintlahqu l-ghanijiet tal-Konvenzjoni. B'hekk jista' jigi evitat f'kull kaz in-nuqqas ta' proporzjonalita`, kif fuq imfisser, bejn id-dritt tal-individwu ghall-liberta` u n-necessita` li jigi assigurat it-tharis ta' ordnijiet gudizzjarji u t-twettieq immedjat ta' obbligi legali.

30. Huwa f'dan is-sens li jidher li l-ewwel Qorti ddecidiet li tilqa' t-tielet talba tar-rikorrent u ddikjarat li hemm ksur tal-Artikolu 5. Ghalkemm l-ewwel Qorti ma esprimietx ruhha specifikatament, wiehed jifhem li l-ksur li kkonstatat fl-ordni kontenuta fid-digriet tas-16 ta' Lulju 2012 jikkonfigura f'vjolazzjoni tad-dettami ta' proporzjonalita` inerenti fl Artikolu 5(1)(b).

31. F'dan il-kaz partikolari tar-rikorrent, l-ordni moghtija mill-Qorti Kriminali fis-16 ta' Lulju 2012 ghandha tigi mistharrga fil-qafas tal-effetti taghha jigifieri, f'kaz ta' nuqqas ta' hlas immedjat tal-garanzija personali l-effett ikun id-detenzjoni tar-rikorrent sakemm isir il-hlas kollu. [sottolinear ta' dik il-Qorti]

32. Bl-applikazzjoni tad-diskrezzjoni fl-identifikazzjoni tal-grad tal-gravita` tal-obbligu tar-rikorrent li jirrapporta gewwa l-Ghassa tal-Pulizija darbtejn fil-gimgha ghal perjodu in eccess ta' xahrejn, l-ewwel Qorti qieset korrettement illi dan ghandu jitqies bhala obbligu serju u ksur daqstant serju. Filwaqt li l-ksur ta' dan l-

obbligu ma jistax jigi meqjus li huwa daqshekk gravi bhal fil-kaz li kieku giet miksura l-kundizzjoni li l-imputat jattendi ghall-udjenzi tal-qorti fil-process kontrih, jew li ma jahrabx minn Malta, din il-Qorti tqis li din kienet kundizzjoni importanti ghaliex tassigura li l-imputat jista' jigi notifikat minghajr diffikulta` bid-differiment fil-process kriminali ghaddej fil-konfront tieghu, kif ukoll sabiex, sa certu grad, tibqa' assigurata l-prezenza tar-rikorrent f'Malta.

33. Madanakollu, wara li rat li n-nuqqas ta' adempiment ta' din il-kondizzjoni biss wasslet ghar-revoka tal-helsien mill-arrest kif ukoll ghall-konfiska tad-depozitu u l-hlas tal-garanzija personali f'ammont totali ta' €35,000, kollha f'daqqa, din il-Qorti taqbel illi l-effett komplessiv tal-ordni tal-Qorti Kriminali tas-16 ta' Lulju 2012, fejn ma giex mitigat it-telf lir-rikorrent, iwassal ghall-isproporzjonalita` ravvizata mill-ewwel Qorti u konfermata minn din il-Qorti. Fi kliem iehor, l-applikazzjoni mill-Qorti Kriminali tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 579(1) ghall-kaz partikolari tar-rikorrent, minghajr qies ghall-principju ta' proporzjonalita`, ghalkemm l-ordni kienet konformi mad-dicitura tal-ligi fl-Artikolu 579(1), tirrendi d-detenzjoni tar-rikorrent nieqsa mill-element ta' proporzjonalita` rikjest mill-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni.

15. Illi fir-rigward issir ukoll referenza għas-sentenzi ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Christian Bonello** tat-30 ta' Settembru 2020, u **Il-Pulizija vs Paul Farrugia** tal-20 ta' Settembru 2022, fost oħrajn.

16. Illi applikati s-suesposti prinċipji ġurisprudenzjali għall-kawża in diżamina, din il-Qorti tibda billi tirrileva li minn qari tas-sentenza appellata - senjatament a fol. 6 *et seq* – jirriżulta illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) qieset il-ksur tal-kundizzjoni tal-iffirmar da parti tal-appellant, bħala nuqqas li ma kienx "*ta' gravita` assoluta*", partikolarment meta dan jitqies fil-kuntest tal-kundizzjonijiet l-oħra imposti fuqu permezz tad-digriet tal-ħelsien mill-arrest, u dan wara li qieset ukoll illi dan kien nuqqas ripetut. Il-Qorti għarfet illi għandu jinżamm bilanċ "*fis-sens illi l-piena konsegwenzjali għall-ksur tal-kundizzjonijiet tkun proporzjanata għall-ksur stabilit*", u għalhekk wara li ħadet in konsiderazzjoni wkoll illi

l-ammissjoni tal-appellant kienet pjuttost waħda bikrija, għalkemm fi stadju fejn jista' jingħad illi kienu diġa` xehdu x-xhieda kruċjali għall-mertu tal-proċeduri, qieset illi ma kellhiex tilqa' t-talba tal-Prosekuzzjoni għar-revoka tal-ħelsien mill-arrest u l-arrest mill-ġdid tal-istess appellant u illi ma kellhiex tordna l-konfiska tal-garanzija personali fl-intier tagħha.

17. Illi din il-Qorti tqis illi tenut kont tan-nuqqas tal-appellant illi jiffirma ġewwa l-Għassa tal-Pulizija ta' San Ġiljan f'diversi ġranet – mill-inqas fi tlieta u sittin (63) jum fuq perjodu ta' tmien xhur bejn Marzu u Ottubru 2023 – bl-appellant jidher illi kien ġustifikat biss illi ma jiffirmax f'jumejn minn dawn ossia fit-12 ta' Mejju 2023 u fil-11 ta' Ġunju 2023 stante illi kien ġie rikoverat ġewwa l-isptar Monte Karmeli, huwa kiser obbligu serju, bil-konsegwenza illi n-nuqqas tiegħu kien serju wkoll, reż iżjed gravuż bil-fatt illi huwa naqas li jaderixxi mal-obbligu tiegħu daqstant drabi. Madankollu, minkejja l-importanza tal-obbligu in kwistjoni, ċertament illi ma jistax jingħad illi dan l-obbligu jassumi l-istess serjeta` u gravita` daqs kundizzjonijiet oħra tal-ħelsien mill-arrest, bħal per eżempju, illi huwa jidher quddiem il-Qorti fil-proċess kontra tiegħu, jew illi ma jinħebiex jew jitlaq minn Malta, jew illi ma jinterferixxix jew jipprova jinterferixxi max-xhieda, jew b'xi mod jintralċja jew jipprova jintralċja l-proċess tal-ġustizzja fir-rigward tiegħu jew ta' xi persuna oħra.

18. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, din il-Qorti, fil-waqt illi taqbel mal-ewwel Qorti fejn din ikkunsidrat illi n-nuqqas tal-appellant ma kienx ta' gravita` assoluta, tqis illi l-ewwel Qorti ma applikatx il-prinċipju tal-proporzjonalita` meta ġiet biex teroga l-piena. In linea mal-kunsiderazzjonijiet tagħha, l-ewwel Qorti la ordnat ir-revoka tal-ħelsien mill-arrest tal-istess appellant u l-arrest mill-ġdid tiegħu, u lanqas ma erogat piena ta' priġunerija effettiva, iżda minflok erogat piena ta' multa ta' ħames mitt ewro (€500); piena din illi iżjed tqarreb lejn il-minimu meta wieħed jikkunsidra illi setgħet applikat piena ta' priġunerija effettiva għal żmien ta' erba' xhur sa sentejn, kif ukoll il-piena tal-multa u priġunerija flimkien, fit-termini tal-Artikolu 579(2) tal-Kodiċi Kriminali. Madankollu, meta għaddiet għall-konfiska tal-ammont stabbilit għall-ħelsien mill-arrest taħt garanzija, iddeċidiet illi kellha tikkonfiska s-somma ta' għaxart elef ewro (€10,000) u ċioe` nofs is-somma mposta mill-Qorti Kriminali bħala garanzija għall-ħelsien mill-arrest, konsistenti

fis-somma ta' elfejn ewro (€2,000) bħala depożitu u fis-somma ta' tmintax-il elf ewro (€18,000) bħala garanzija personali. Fir-rigward din il-Qorti tqis ukoll illi fit-termini tal-Artikolu 586 tal-Kodiċi Kriminali, d-detenzjoni għal min ma jħallasx is-somma li għaliha jkun obbliga ruħu, m'għandhiex taqbeż sena, meta l-ammont ma jkunx iktar minn tletin elf ewro (€30,000), li jfisser għalhekk illi kemm il-darba l-appellant ma jħallasx is-somma ta' għaxart elef ewro (€10,000) – u tenut kont tal-fatt illi hawn si tratta ta' ġuvni ta' ħamsa u għoxrin sena, afflitt bil-problema tad-droga, huwa ferm probabbli illi m'huwiex se jkun f'posizzjoni li jħallas din is-somma – huwa se jisfa detenut għall-perjodu ta' sena.

19. Fiċ-ċirkostanzi, u mingħajr ma tinftiehem illi b'xi mod qegħda timmitiga s-serjeta` tan-nuqqas tal-appellant, din il-Qorti tqis illi l-appellant għandu raġun fl-aggravju tiegħu, u illi l-ewwel Qorti minkejja illi għarfet illi l-ksur tal-kundizzjoni in kwistjoni mhux tal-istess livell ta' serjeta` daqs kundizzjonijiet oħrajn tal-ħelsien mill-arrest, ma applikatx piena proporzjonata għall-istess ksur, iżda piena illi fil-fehma ta' din il-Qorti kienet waħda manifestament eċċessiva.

20. Għaldaqstant, l-aggravju tal-appellant qed jiġi milqugħ.

**DECIDE**

Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi billi tilqa' l-appell tal-appellant **Kurt Muscat** u tirriforma s-sentenza appellata billi:

1. Tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu;

2. Tikkonfermaha f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellant għal multa ta' ħames mitt ewro (€500);

3. Tikkonfermaha wkoll f'dik il-parti fejn ordnat, fil-konfront tal-appellant, il-ħruġ ta' Ordni ta' Trattament fit-termini tal-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali u dan għal perjodu ta' tliet (3) snin, sabiex jiġi indirizzat il-vizzju tiegħu tad-droga, liema perjodu għandu jibda jiddekorri mil-lum stess;

4. Tirrevokaha f'dik il-parti fejn ordnat il-konfiska ta' għaxart elef ewro (€10,000) favur il-Gvern ta' Malta, rappreżentanti parti mill-ammont tal-garanzija personali stabbilit fid-digriet tal-Qorti Kriminali, kif preseduta mill-Imħallef Aaron Bugeja, tat-23 ta' Frar 2023, li permezz tiegħu l-appellant ingħata l-ħelsien mill-arrest, u minflok tordna l-konfiska, favur il-Gvern ta' Malta, tas-somma ta' ħamest elef ewro (€5,000), rappreżentanti parti mill-garanzija personali ta' tmintax-il elf ewro (€18,000), imposta bl-imsemmi digriet.

Il-Qorti wissiet lill-appellant bil-konsegwenzi skont il-liġi kemm il-darba waqt il-perjodu operattiv tal-Ordni ta' Trattament, tinġieb prova għas-sodisfazzjoni tal-Qorti, illi huwa jkun naqas milli jikkonforma ruħu ma' xi rekwiżit jew kundizzjoni tal-Ordni.

**Natasha Galea Sciberras**
**Imħallef**